MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Numru 105/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa'**
**vs**
**Josef Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Josef Vella ta' 28 sena iben Emanuel u Emanuela nee' Borg mwieled Pieta fit-2 ta' Lulju 1979 u residenti 3 Triq Sant'Anna Isla, ID 310779M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Settembru 2006 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li u jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u**

**cioe ha u zamm ghandu flus ta’ S&R (Handaq) Ltd, Brincat’s Co Ltd, Joseph Debono u Dream Design Ltd, liema flus jeccedu il-LM100 izda inqas minn LM1000 u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.**

**Akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer fil-25 ta’ Settembru 2007 ghamel falsifikazzjoni f’att awtentik u pubbliku jew fi skrittura kummercjali, jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, jew billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonjiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew ffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew ftti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.**

**U iktar talli f’dawn il-Gzejjer fil-25 ta’ Settembru 2007 xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.**

**Rat l-ammissjonijiet li saru mill-imputat fis-7 ta’ Jannar 2009 u dik maghmula llum 23 ta’ April 2009, liema ammissjonijiet l-imputat kkonferma wara li nghata zmien xieraq biex jahsibha. Galadarba saru dawn l-ammissjonijet, iz-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 210(1)(b), 183 u 184 tal-Kap 9, ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat ammetta imputazzjoni minnhom mill-ewwel waqt li ammetta t-tieni wahda prattikament fl-ewwel okkazzjoni li kien hemm wara s-seduta. Barra minn dan, l-imputat rritorna lura 1900 Euro. L-imputat ghandu fedina penali nadifa.**

Ghal daqstant il-Qorti flok qed tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi

zmien 20 xahar millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------